

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8767 — CDPQ/Hyperion Insurance Group)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(2018/C 64/07)**

- Fit-12 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Caisse de dépôt et placement du Québec (“CDPQ”, il-Kanada),
- Hyperion Insurance Group Limited (“Hyperion”, ir-Renju Unit), finalment ikkontrollata mill-General Atlantic Ħawt-horn BV (“GA”, in-Netherlands), parti mill-General Atlantic Group (“GA Group”, l-Istati Uniti tal-Amerika), u ċerti persuni fiżiċi.

CDPQ, flimkien ma’ GA u ċerti persuni fiżiċi, jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta’ Hyperion kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- CDPQ: investitur istituzzjonali fit-tul li tiġġestixxi l-fondi għall-pensionijiet pubbliċi u privati kif ukoll fondi tal-assi kurazzjoni, attiva madwar id-dinja kollha,
- Hyperion: intermedjarji tal-assi kurazzjoni u tar-riassi kurazzjoni, u aġenzija tas-sottoskrizzjoni, attiva madwar id-dinja kollha,
- GA: kumpanija azzjonarja tal-investiment, parti mill-GA Group, ditta ta’ ekwità privata attiva madwar id-dinja kollha.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinhieg li jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħkulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spesifikata:

M.8767 — CDPQ/Hyperion Insurance Group

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---